ЕВРОПЕЙСКА СМЕТНА ПАЛАТА
TRIBUNAL DE CUENTAS EUROPEO
EVROPSKÝ ÚČETNÍ DVŮR
DEN EUROPÆISKE REVISIONSRET
EUROPÄISCHER RECHNUNGSHOF
EUROOPA KONTROLLIKODA
ΕΥΡΩΠΑΪΚΟ ΕΛΕΓΚΤΙΚΟ ΣΥΝΕΔΡΙΟ
EUROPEAN COURT OF AUDITORS
COUR DES COMPTES EUROPÉENNE
CÚIRT INIÚCHÓIRÍ NA HEORPA

CORTE DEI CONTI EUROPEA
EIROPAS REVĪZIJAS PALĀTA
EUROPOS AUDITO RŪMAI

EURÓPAI SZÁMVEVŐSZÉK
IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
EUROPESE REKENKAMER
EUROPEJSKI TRYBUNAŁ OBRACHUNKOWY
TRIBUNAL DE CONTAS EUROPEU
CURTEA DE CONTURI EUROPEANĂ
EURÓPSKY DVOR AUDÍTOROV
EVROPSKO RAČUNSKO SODIŠČE
EUROOPAN TILINTARKASTUSTUOMIOISTUIN
EUROPEISKA REVISIONSRÄTTEN

# Rapport dwar
# il-verifika tal-ġestjoni tar-riskju tal-
# Bank Ċentrali Ewropew għas-sena finanzjarja 2010

flimkien mar-risposti tal-BĊE

12, RUE ALCIDE DE GASPERI
L - 1615 LUXEMBOURG

TELEPHONE (+352) 43 98 – 1
TELEFAX (+352) 43 93 42

E-MAIL: euraud@eca.europa.eu
INTERNET: http://eca.europa.eu

WERREJ


| | Paragrafu |
|---|---|
| Introduzzjoni | 1 - 4 |
| L-ambitu u l-approċċ tal-verifika | 5 - 6 |
| Is-sejbiet tal-verifika | 7 - 91 |
| Il-BĊE stabbilixxa qafas ta' ġestjoni xierqa u komprensiva għall-ġestjoni tar-riskju? | 7 - 18 |
| Il-qafas ta' ġestjoni ta' riskju globali | 8 - 14 |
| L-iżvelar tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tal-BĊE lil partijiet esterni | 15 - 18 |
| Il-BĊE ġesta r-riskji operazzjonali tiegħu b'mod effettiv? | 19 - 66 |
| Il-Ġestjoni tar-Riskju Operazzjonali | 20 - 39 |
| Il-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju tal-BĊE | 40 - 66 |
| Il-BĊE ġesta r-riskji finanzjarji tiegħu b'mod effettiv? | 67 - 91 |
| Il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju għall-investimenti u l-operazzjonijiet tal-politika | 69 - 74 |
| Il-metodoloġija tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju | 75 - 83 |
| L-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju | 84 - 88 |
| L-adegwatezza tar-rapportar ta' riskji finanzjarji | 89 - 91 |
| Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet | 92 - 100 |
| Il-BĊE stabbilixxa qafas ta' governanza xieraq u komprensiv għall-ġestjoni tar-riskju? | 92 - 93 |
| Il-BĊE ġesta r-riskji operazzjonali tiegħu b'mod effettiv? | 94 - 98 |
| Il-BĊE ġesta r-riskji finanzjarji tiegħu b'mod effettiv? | 99 - 100 |

**TAQSIRIET**

| | |
|---|---|
| BĊE | Il-Bank Ċentrali Ewropew |
| BCM | Il-Ġestjoni tal-Kontinwità tan-Negozju |
| BĊN | Il-Banek Ċentrali Nazzjonali |
| BCP | Il-Pjan tal-Kontinwità tan-Negozju |
| BĦI | Il-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali |
| BIA | L-Analiżi tal-Impatt tan-Negozju |
| BPH | Il-Manwal dwar il-Prattiċi tan-Negozju |
| CBPP | Il-Programm ta’ Xiri ta’ Bonds B’Sigurtà |
| CRO | Id-Direttur tar-Riskji |
| D-CO | Id-Direttorat għall-Komunikazzjoni |
| DĠ-A | Id-Direttorat Ġenerali għall-Amministrazzjoni |
| DĠ-H | Id-Direttorat Ġenerali għar-Riżorsi Umani, l-Estimi u l-Organizzazzjoni |
| DĠ-IS | Id-Direttorat Ġenerali għas-Sistemi tal-Informatika |
| DĠ-M | Id-Direttorat Ġenerali għall-Operazzjonijiet tas-Suq |
| DĠ-P | Id-Direttorat Ġenerali għas-Sistemi ta’ Pagamenti |
| DĠ-S | Id-Direttorat Ġenerali għall-Istatistika |
| EB | Il-Bord Eżekuttiv |
| FOS | Is-Servizzi għall-Operazzjonijiet Finanzjarji |
| GIPS | L-Istandards ta’ Prestazzjoni ta’ Investiment Globali |
| IAS | L-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità |
| IASB | Il-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità |
| IFRS | L-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju |
| INV | Id-Diviżjoni għall-Investiment |
| MOS | Is-Sistemi tal-Operazzjonijiet tas-Suq |
| OFM | L-Immaniġġar tal-Fondi Proprji |
| ORC | Il-Kumitat tar-Riskju Operazzjonali |
| ORM | Il-Ġestjoni tar-Riskju Operazzjonali |
| RMA | Id-Diviżjoni għall-Maniġġ tar-Riskji (tad-DĠ-H) |
| SEBĊ | Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali |
| SMP | Il-Programm dwar is-Swieq tat-Titoli |
| VaR | Il-Valur fir-Riskju |

## INTRODUZZJONI

1. Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea (UE) flimkien jagħmlu s-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ). L-objettiv primarju tas-SEBĊ huwa li żżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet. Is-SEBĊ tappoġġa wkoll il-linji ta' politika ekonomika ġenerali fl-Unjoni bl-għan li tikkontribwixxi għall-ksib tal-objettivi tal-Unjoni[1]. Għal dan il-għan, il-BĊE jwettaq il-kompiti speċifikati fl-Istatut tiegħu[2] u huwa responsabbli mill-ġestjoni tal-attivitajiet u l-finanzi tiegħu.

2. Il-verifika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-Qorti) dwar l-effiċjenza operazzjonali tal-BĊE hija bbażata fuq l-Artikolu 27(2) tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE[3]. Il-verifika tal-2010 tkopri l-proċeduri u s-sistemi tal-ġestjoni tar-riskju stabbiliti mill-BĊE u l-applikazzjoni tagħhom.

3. Il-korpi għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BĊE huma l-Kunsill Regolatorju u l-Bord Eżekuttiv[4]. Il-Bord Eżekuttiv jimplimenta l-politika monetarja skont il-linji direttivi stabbiliti u d-deċiżjonijiet meħudin mill-Kunsill Regolatorju[5] u għandu responsabbiltà ġenerali mill-amministrazzjoni ta' kuljum tal-BĊE u tar-riżorsi tiegħu. Il-Bord Eżekuttiv fl-aħħar mill-aħħar huwa wkoll responsabbli għall-ġestjoni tar-riskju fil-BĊE.

---

1 L-Artikolu 127(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2 L-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE huwa protokoll mehmuż mat-Trattat.

3 L-Artikolu 27(2) tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-SEBĊ u l-BĊE jistipula : "Il-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar li jkunu japplikaw biss għal eżami tal-effiċjenza operattiva tat-tmexxija tal-BĊE."

4 L-Artikolu 9(3) tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE. Il-Kunsill Regolatorju huwa magħmul minn sitt Membri tal-Bord Eżekuttiv, kif ukoll il-Gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Il-Bord Eżekuttiv huwa magħmul mill-President, il-Viċi-President u erba' Membri oħra.

5 L-Artikolu 12(1) tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE.

4. Ir-riskji huma ġestiti permezz ta' żewġ oqfsa separati fil-BĊE. L-unità tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali (ORM[6]/BCM) tkopri r-riskji operazzjonali kollha (ara n-nota f'qiegħ il-paġna 22) inkluża l-kontinwità tan-negozju. Id-Diviżjoni għall-Ġestjoni tar-Riskju (RMA) tittratta l-ġestjoni tar-riskju finanzjarju (ara l-paragrafu 70), inklużi l-attivitajiet ta' investiment u l-operazzjonijiet ta' kreditu tal-BĊE.

**L-AMBITU U L-APPROĊĊ TAL-VERIFIKA**

5. L-objettiv tal-verifika tas-sena finanzjarja 2010 tal-Qorti kien li tiġi vvalutata l-adegwatezza tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju u operazzjonali tal-BĊE[7]. Il-ġestjoni tar-riskju fil-BĊE kienet ivvalutata f'termini tal-mistoqsijiet prinċipali ta' verifika li ġejjin:

- Il-BĊE stabbilixxa qafas ta' tmexxija xierqa u komprensiva għall-ġestjoni tar-riskju?
- Il-BĊE ġesta r-riskji operazzjonali tiegħu b'mod effettiv?
- Il-BĊE ġesta r-riskji finanzjarji tiegħu b'mod effettiv?

6. Il-verifika tal-ġestjoni tar-riskju tal-BĊE[8] kienet tinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) Ir-reviżjoni tal-qafas globali tal-ġestjoni tar-riskju fil-BĊE inkluża reviżjoni tal-aqwa prattiki f'organizzazzjonijiet internazzjonali simili oħra fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju[9];

---

[6] L-ambitu tal-ORM ikopri riskji relatati ma' attivitajiet tal-BĊE, inklużi dawk relatati mal- proċessi u l-proġetti tas-SEBĊ tal-Eurosistema.

[7] Il-kriterji li fuqhom il-Qorti vvalutat il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju u operazzjonali tal-BĊE huma murija f'dan id-dokumenti fil-korsiv. Sakemm ma jkunx hemm referenza għalihom mod ieħor, il-kriterji huma tal-Qorti.

[8] L-ambitu tal-verifika eskluda l-ġestjoni tar-riskju fil-livell tas-Sistema Ewropea tal-Bank Ċentrali (SEBĊ).

(b) Ir-reviżjoni tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali u l-ittestjar ta' sitt oqsma tax-xogħol magħżula (id-Direttorati Ġenerali) biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju. L-għażla kienet ibbażata fuq: (i) l-assigurazzjoni tal-kopertura ta' riskji operazzjonali sinifikanti, (ii) li jiġu koperti kemm l-attivitajiet prinċipali tal-BĊE u dawk li mhumiex u (iii) li jiġu koperti l-attivitajiet li jeħtieġu ġestjoni tar-riskju orizzontali. Id-Direttorati Ġenerali (DĠ) magħżula kienu: L-Operazzjonijiet tas-Suq (DĠ-M), is-Sistemi ta' Pagamenti (DĠ-P), l-Istatistika (DĠ-S) u d-Direttorat għall-Komunikazzjoni (D-CO).

(c) Ir-reviżjoni tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju u l-ittestjar dettaljat li jkopri d-diviżjoni għall-Maniġġ tar-Riskji (RMA) tad-DĠ għar-Riżorsi Umani, il-Baġit u l-Organizzazzjoni (DĠ-H) u s-Sistemi tal-operazzjonijiet tas-suq (MOS), is-Servizzi ta' operazzjonijiet finanzjarji (FOS) u d-Diviżjonijiet għall-investiment (INV) tad-DĠ-M. Il-valutazzjoni tal-metodoloġija tal-ġestjoni tar-riskju tal-BĊE u l-applikazzjoni tagħha saret permezz tal-użu tal-għajnuna teknika ta' tim ta' esperti tar-riskju finanzjarju minn Ernst and Young, fil-Lussemburgu.

## <u>IS-SEJBIET TAL-VERIFIKA</u>

### *Il-BĊE stabbilixxa qafas ta' ġestjoni xierqa u komprensiva għall-ġestjoni tar-riskju?*

7. L-ambizzjoni ddikjarata tal-BĊE hija li tiġi applikata l-aqwa prattika fil-ġestjoni tar-riskju tiegħu. "Il-Bank Ċentrali Ewropew mill-bidu nett ta attenzjoni partikolari lill-ġestjoni tar-riskju. Bħala membru ġdid tal-komunità tal-banek ċentrali, huwa kellu l-ambizzjoni li jissodisfa l-ogħla standards ta' ġestjoni fl-

---

[9] Saru żjarat ta' informazzjoni mal-Federal Reserve Bank of New York u l-Bank of Canada, intbagħtu kwestjonarji lill-Federal Reserve Bank of New York, lill-Bank of Canada u lis-Swiss National Bank.

organizzazzjoni tal-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju tiegħu fl-istituzzjoni u li japplika għodod mill-aktar avvanzati”[10].

**Il-qafas ta’ ġestjoni ta’ riskju globali**

8. “*Kultura b’saħħitha tar-riskju mifruxa mal-istituzzjonijiet hi waħda mill-elementi prinċipali għal ġestjoni effettiva tar-riskju. Wieħed mill-prerekwiżiti għall-ħolqien ta’ din il-kultura tar-riskju huwa l-istabbiliment ta’ funzjoni ta’ ġestjoni tar-riskju komprensiva (li tkopri t-tipi kollha ta’ riskju, linji tan-negozju u riskji relevanti) u indipendenti taħt ir-responsabbiltà diretta tad-Direttur tar-Riskji (CRO), jew il-maniġment superjuri jekk ma jinħatarx CRO, skont il-prinċipju tal-proporzjonalità”*[11].

9. Fil-BĊE kull unità organizzattiva[12] hija responsabbli għall-ġestjoni tar-riskji u l-kontrolli tagħha stess. Żewġ funzjonijiet/diviżjonijiet jappoġġaw unitajiet organizzattivi fil-proċess tal-ġestjoni tar-riskju:

- il-funzjoni ORM/BCM[13] hi responsabbli għall-manutenzjoni metodoloġika, għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet kollha relatati mar-riskju operazzjonali, kif ukoll għall-pariri proattivi lill-oqsma tax-xogħol[14];

---

[10] José Manuel González-Páramo, Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE, Ulrich Bindseil u Evangelos Tabakis, *Risk Management for Central Banks and Other Public Investors*, Cambridge University Press 2009 (Ġestjoni tar-Riskju għal Banek Ċentrali u Investituri Pubbliċi Oħra), l-Istamperija tal-Università ta’ Cambridge.

[11] “High level principles for risk management”, (Prinċipji ta’ livell għoli għall-ġestjoni tar-riskju), il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej (KSBE), Frar 2010 (il-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-korsiv, it-test oriġinali b’tipa grassa muri b’tipografija normali).

[12] Is-Sezzjoni, id-diviżjoni, id-direttorat jew id-direttorat ġenerali.

[13] Li hija parti mid-DĠ-H.

[14] Il-funzjoni ORM/BCM hi wkoll segretarjat għall-Kumitat tar-Riskju Operazzjonali (ORC).

- id-diviżjoni għall-Maniġġ tar-Riskji (RMA) għandha x'taqsam mar-riskji finanzjarji[15]. Id-diviżjoni għall-Maniġġ tar-Riskji hija responsabbli milli tipproponi politiki u proċeduri u appoġġ organizzattiv dwar ġestjoni tar-riskju għall-operazzjonijiet kollha tas-suq finanzjarju mmexxija mill-BĊE jew mill-Eurosistema f'isem il-BĊE. Id-diviżjoni tiġi organizzata f'żewġ unitajiet: Sezzjonijiet ta' Analiżi tar-Riskju u ta' Strateġija tar-Riskju.

10. Bħala appoġġ għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Bord Eżekuttiv (EB), twaqqfu diversi kumitati li għandhom x'jaqsmu ma' aspetti diversi ta' ġestjoni tar-riskju, inkluż il-Kumitat tar-Riskju Operazzjonali, il-Kumitat tal-Investiment, il-Kumitat tal-Assi u l-Obbligazzjonijet u l-Kumitat tal-Kreditu.

11. Hemm struttura organizzativa komprensiva bi rwoli u responsabbiltajiet assenjati b'mod ċar. Madankollu, hemm demarkazzjoni b'saħħitha bejn il-ġestjoni tar-riskji finanzjarji u operazzjonali fil-BĊE li żżid ir-riskju li l-istampa ġenerali tal-iskoperturi wiesgħa tal-Bank tista' ma tkunx komprensiva.

12. Ma twaqqaf l-ebda korp indipendenti u uniku, bħal Direttur tar-Riskji jew kumitat ta' ġestjoni tar-riskju globali bejn il-Bord Eżekuttiv u ż-żewġ unitajiet/funzjonijiet tar-riskju, ORM/BCM u RMA. Fil-ħin tal-verifika, il-membru tal-EB li kien qed jieħu ħsieb il-ġestjoni tar-riskju, kellu wkoll għadd ta' oqsma oħra ta' responsabbiltà, filwaqt li CRO kieku jikkonċentra biss fuq il-ġestjoni tar-riskju.

13. Barra minn dan, in-nuqqas ta' funzjoni ta' ġestjoni tar-riskju indipendenti b'mod ġerarkiku jżid ir-riskju li tingħata prijorità insuffiċjenti lil kwistjonijiet ta' ġestjoni tar-riskju eż. l-allokazzjoni ta' riżorsi tal-persunal għall-kompiti ta' ġestjoni tar-riskju, minħabba li kwistjonijiet bħal dawn huma soġġetti għad-deċiżjonijiet tad-DĠ-H.

---

[15] L-RMA b'mod amministrattiv hija parti mid-DĠ-H iżda tirrapporta direttament lill-membru tal-Bord Eżekuttiv responsabbli mill-ġestjoni tar-riskji finanzjarji.

14. Reviżjoni tal-aqwa prattiki f'organizzazzjonijiet internazzjonali simili oħra wriet li l-Bank of Canada adotta qafas tal-ġestjoni tar-riskju integrata, inkluż Direttur tar-Riskju u grupp ta' ħidma tal-ġestjoni tar-riskju. It-tnejn li huma għandhom x'jaqsmu mal-istabbiliment komprensiv ta' profil tar-riskju għall-Bank li jinkludi riskji kummerċjali, operazzjonali u finanzjarji kif deskritt fil-***Kaxxa 1***. Il-qafas tal-ġestjoni tal-Bank huwa inkorporat għalkollox fi ħdan l-ippjanar strateġiku tiegħu, il-baġit u l-proċessi ta' evalwazzjoni ta' prestazzjoni fi tmiem is-sena.

| **Il-Kaxxa 1 – Eżempju ta' ġestjoni tar-riskju integrata - Bank of Canada** |
|---|
| **Id-Direttur tar-Riskju** għandu r-responsabbiltajiet li ġejjin:<br>- Imexxi l-iżvilupp u t-titjib tal-Qafas ta' Politika ta' Ġestjoni tar-Riskju Integrata u jikseb approvazzjoni mill-maniġment.<br>- Jipprovdi gwida u pariri tal-ġestjoni tar-riskju lil membri oħra ta' maniġment superjuri u jippresiedi l-Grupp ta' Ħidma tal-Ġestjoni tar-Riskju.<br>- Ikun il-Ko-President tal-Kumitat tar-Riskju tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Fondi mad-Dipartiment tal-Finanzi.<br><br>**Il-Ġrupp ta' Ħidma tal-Ġestjoni tar-Riskju** għandu l-kompiti li ġejjin:<br>- Jiffaċilita l-aġġornament sħiħ tal-awtovalutazzjoni tar-riskju tal-Bank u l-iżvilupp tar-rapport tal-ġestjoni tar-riskju annwali u ta' nofs is-sena.<br>- Jiltaqa' tlieta sa erba' darbiet fil-ġimgħa biex jagħmel reviżjoni tal-profil tar-riskju tal-Bank u biex jaqsam inizjattivi tal-ġestjoni tar-riskju mal-funzjonijiet/mad-dipartimenti tar-rappreżentanti. |

## L-iżvelar tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tal-BĊE lil partijiet esterni

15. *Għandu jkun hemm żvelar pubbliku effiċjenti biex jippermetti lil partijiet esterni jivvalutaw l-approċċ tal-BĊE għall-ġestjoni tar-riskju.*

16. Il-BĊE jippubblika rapport annwali, inklużi l-kontijiet annwali u n-noti ta' żvelar li jakkumpanjawhom[16]. L-informazzjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju fil-kontijiet annwali hija limitata ħafna u l-informazzjoni dwar il-prinċipji u ċ-ċifri tal-ġestjoni tar-riskju tal-BĊE mhijiex disponibbli għall-pubbliku (għajr il-Valur fir-Riskju[17] (iċ-ċifra (VaR)). Ir-rapport annwali tal-BĊE fih informazzjoni fil-qosor dwar ċerti kwistjonijiet ta' ġestjoni tar-riskju iżda ma jiżvelax ħarsa ġenerali tal-proċess tal-ġestjoni tar-riskju fl-organizzazzjoni, ir-riskji ffaċċjati kif ukoll l-approċċ tal-maniġment għal dawn ir-riskji.

17. L-użu ta' Standards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRS)[18] huwa l-aħjar prattika fil-preżentazzjoni tal-kontijiet tal-entità. L-"iżvelar ta' strumenti finanzjarji" tal-IFRS 7, għandu x'jaqsam mal-preżentazzjoni tar-riskji ffaċċjati minn organizzazzjoni fil-kontijiet tagħha iżda din ma ġietx applikata mill-BĊE.

---

16 Il-BĊE japplika l-qafas tar-rapportar ta' kompatibilità tiegħu stess stabbilit bid-Deċiżjoni/2006/17 dwar il-kontijiet annwali tal-BĊE kif emendata.

17 Il-Valur fir-Riskju (VaR) hija miżura tar-riskju li tintuża b'mod wiesgħa tar-riskju ta' telf fuq portafoll speċifiku ta' attivi finanzjarji. Għal portafoll, probabbiltà u perjodu taż-żmien partikolari, il-VaR hu ddefinit bħala valur ta' livell limitu b'tali mod li l-prababbiltà li t-telf tar-rivalutazzjoni tal-prezzijiet kurrenti tas-suq fuq il-portafoll matul il-perjodu taż-żmien speċifiku jeċċedi dan il-valur, waqt li jassumi li s-swieq huma normali u m'hemmx kummerċ fil-portafoll, huwa l-livell ta' probabbiltà partikolari (Skont il-: *Valur fir-Riskju: The New Benchmark for Managing Financial Risk (3rd edition)*, (*Il-Valur fir-Riskju Referenzjarju l-Ġdid għall-Ġestjoni tar-Riskju Finanzjarju) (it-tielet edizzjoni)*, Philippe Jorion, McGraw-Hill Professional, 2006).

18 L-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju huma Standards ibbażati fuq il-prinċipji, l-Interpretazzjonijiet u l-Qafas adottati mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASB), magħrufa wkoll mill-isem antik tagħhom ta' Standards Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS). Fi Frar 2001, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet Regolament li kien jeħtieġ lill-kumpaniji tal-UE kollha elenkati f'suq regolat, inklużi banek u kumpaniji ta' assigurazzjoni biex iħejju kontijiet ikkonsolidati skont l-IAS sa mhux aktar tard mill-2005. L-Istati Membri tal-UE ngħataw l-għażla li jestendu dan ir-rekwiżit għal kumpaniji mhux elenkati u għal kontijiet ta' kumpaniji individwali. Mekkaniżmu ta' approvazzjoni tal-UE, kemm fuq livell politiku u tekniku ġie stabbilit biex jissorvelja l-integrazzjoni tal-IAS fl-UE.

18. Organizzazzjonijiet internazzjonali oħra jew organizzazzjonijiet tal-banek ċentrali nazzjonali bħall-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BĦI) u l-Bank of Canada jiżvelaw, fir-rendikonti finanzjarji annwali tagħhom, informazzjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju anki jekk waħda minnhom ma tapplikax (ara l-***Kaxxa 2*** hawn taħt).

| **Il-Kaxxa 2 – L-illustrazzjoni ta' applikazzjoni ta' żvelar tal-ġestjoni tar-riskju** | | |
|---|---|---|
| **L-Organizzazzjoni:** | **L-iżvelartal-ġestjoni tar-riskju fil-kontijiet annwali** | **Il-qafas ta' rapportar finanzjarju** |
| Il-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BĦI) | Il-kontijiet annwali jiżvelaw ir-riskji li jaffaċċja l-bank, l-approċċ u l-organizzazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju, ħarsa ġenerali dettaljata tar-riskju tal-kreditu, ir-riskju tas-suq, ir-riskju tal-likwidità u r-riskju operazzjonali. | Il-qafas ta' rapportar finanzjarju speċifiku stipulat mill-istatuti tal-bank |
| Il-Bank of Canada | Il-kontijiet annwali jiżvelaw ħarsa ġenerali tal-proċess tal-ġestjoni tar-riskju, l-istruttura tal-ġestjoni tar-riskju, ir-rwol tad-Direttur tar-Riskji Finanzjarji, ir-riskju finanzjarju ffaċċjat mill-bank, ħarsa ġenerali dettaljata tar-riskju tal-kreditu, ir-riskju tas-suq u r-riskju tal-likwidità. | L-IFRS[19] |

***Il-BĊE ġesta r-riskji operazzjonali tiegħu b'mod effettiv?***

19. Il-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju tikkomplementa l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali (ORM) tal-BĊE u t-tnejn li huma jifformaw element importanti ta' ġestjoni korporattiva[20].

---

19 Sal-31 ta' Diċembru, 2010, il-Bank of Canada kien irrapporta skont Prinċipji Kanadiżi ta' Kontabilità Ġeneralment Aċċettati, minkejja l-iżvelar tal-informazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju komparabbli mal-IFRS. Mill-1 ta' Jannar 2011, il-Bank of Canada jirrapporta taħt l-IFRS.

20 "Business Practices Handbook"(Il-Manwal għall-Prattiċi tan-Negozju), il-Kapitolu 26.

**Il-Ġestjoni tar-Riskju Operazzjonali**

20. Il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali effettiv jinkludi strateġiji ċari u sorveljanza mill-bord tad-diretturi u l-maniġment superjuri, kultura ta' riskju internazzjonali operazzjonali b'saħħitha u kultura ta' kontroll intern (inklużi linji ċari ta' responsabbiltà u segregazzjoni tad-dmirijiet) u rapportar intern effettiv.

21. Biex tivvaluta l-ġestjoni tar-riskji operazzjonali fil-BĊE l-Qorti eżaminat:

- il-politiki tal-ORM stabbiliti fil-BĊE;
- l-istruttura organizzattiva u r-responsabbiltajiet tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali;
- il-konnessjoni tagħha għall-ippjanar strateġiku finanzjarju (iċ-ċiklu tal-baġit annwali); u
- l-identifikazzjoni tar-riskju, il-valutazzjoni u r-rispons, ir-rapportar, il-monitoraġġ u s-segwitu fl-oqsma tax-xogħol kif ukoll fil-livell ċentrali.

<u>Il-Politiki tar-Riskju Operazzjonali</u>

*22. Il-politiki tal-ORM għandhom jipprovdu definizzjoni ċara ta' riskju operazzjonali mifruxa b'mod wiesgħa mal-banek u jistabbilixxu l-politiki li jiddeskrivu l-approċċ tal-bank għall-identifikazzjoni, għall-valutazzjoni, għall-monitoraġġ u għall-kontroll/mitigazzjoni tar-riskju.*

23. Il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali tal-BĊE ġie approvat mill-Bord Eżekuttiv f'Ottubru 2007[21] u huwa deskritt fil-Manwal dwar il-Prattiċi tan-Negozju (BPH) ippubblikat fuq l-intranet u disponibbli għall-persunal kollu. Dan

---

[21] Fl-2008 l-Bord Eżekuttiv iddeċieda li jallinja l-qafas tal-ORM tal-BĊE mal-qafas adottat fil-livell tas-SEBĊ.

jiddeskrivi d-definizzjoni tal-ORM tal-BĊE[22], il-politika tat-tolleranza tar-riskju, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet kif ukoll il-politiki għall-valutazzjoni, ir-rispons u r-rapportar u l-monitoraġġ.

24. Il-politiki tal-ORM stabbiliti jipprovdu definizzjoni ċara ta' riskju operazzjonali mifruxa b'mod wiesgħa mal-Bank u jistabbilixxu l-politiki li jiddeskrivu l-approċċ tal-Bank għall-valutazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll/mitigazzjoni tar-riskju. Madankollu, il-BPH ma jipprovdix dettalji tal-approċċ tal-Bank għall-identifikazzjoni tar-riskji.

<u>L-istruttura organizzattiva u r-responsabbiltajiet</u>

25. *Il-ġestjoni tal-qasam tax-xogħol għandu jkollha responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-politiki, tal-proċessi u tal-proċeduri għall-ġestjoni tar-riskju operazzjonali fl-attivitajiet materjali, tal-proċessi u tas-sistemi kollha tal-bank. Il-bank għandu jkollu wkoll sistema ta' ġestjoni tar-riskju operazzjonali b'responsabbiltajiet ċari assenjati lil funzjoni ta' ġestjoni tar-riskju.*

26. Il-Bord Eżekuttiv hu ultimament responsabbli għall-Ġestjoni tar-Riskju Operazzjonali fil-BĊE. Il-Kumitat tar-Riskju Operazzjonali (ORC) għandu x'jaqsam ma' temi strateġiċi u fuq terminu medju kif ukoll temi relevanti fuq terminu qasir u *ad-hoc*[23]. Il-kumitat jikkonsisti mill-membru tal-Bord Eżekuttiv (il-President) u seba' maniġers superjuri tal-Bank[24]. Huwa għandu poteri ta' teħid tad-deċiżjonijiet għall-aċċettazzjoni tar-riskju fil-livell medju filwaqt li riskji ta'

---

[22] Ir-riskju operazzjonali huwa definit bħala "ir-riskju ta' impatt finanzjarju negattiv, ta' negozju u/jew ta' reputazzjoni li jirriżulta minn nuqqas ta' ġestjoni interna jew mhux adegwata u proċessi tan-negozju jew minn nies, sistemi jew avvenimenti esterni".

[23] Huwa awtorizzat li jistimula u jissorvelja l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-manutenzjoni tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali fil-BĊE.

[24] Il-membri huma maniġers superjuri mill-Operazzjonijiet tas-Suq, is-Sistemi tal-Informazzjoni, l-Amministrazzjoni, ir-Riżorsi Umani, l-Estimi u l-Organizzazzjoni, żewġ oqsma tax-xogħol ċentrali fuq rotazzjoni ta' bażi ta' sena u l-Konsulent għad-Direttur Ġenerali għar-Riżorsi Umani, il-Baġit u l-Organizzazzjoni.

livell għoli jridu jkunu dejjem aċċettati mill-Bord Eżekuttiv. Il-laqgħat isiru kull xahrejn jew aktar frekwenti jekk ikun meħtieġ.

27. Il-BPH jiddeskrivi b'mod ċar l-oqsma tax-xogħol bħala responsabbli għall-ġestjoni tar-riskji operazzjonali tagħhom[25]. Għaldaqstant, kull qasam tax-xogħol għandu jinnomina (mill-inqas) koordinatur wieħed tar-riskju li jappoġġa lill-maniġers tal-oqsma tax-xogħol fl-ORM u jaġixxi bħala l-ewwel punt ta' kuntatt fil-kwistjoniet tal-ORM fil-qasam tax-xogħol. Il-maniġers tal-qasam tax-xogħol huma wkoll responsabbli li jiżguraw li l-persunal jikseb u jżomm il-kompetenzi neċessarji biex jassumi r-responsabbliltà u l-obbligu tar-rendikont fir-rigward tal-ORM. Il-funzjoni ORM/BCM  għandha tiżviluppa u żżomm il-qafas ORM u tikkoordina l-approċċ tal-Oqsma tax-Xogħol għall-ORM.

28. Minn tmienja mill-persunal fil-funzjoni tal-ORM-BCM erbgħa biss kienu impjegati permanenti fiż-żmien tal-verifika. L-oħrajn kienu ssekondati mill-Banek Ċentrali Nazzjonali jew fuq kuntratti b'terminu fiss ta' bejn tliet xhur u sentejn. Dan ifisser li hemm tibdil ta' spiss tal-persunal li jwassal għal telf ta' kontinwità f'funzjoni importanti u jżid ir-riskju tal-qafas tal-ORM li ma jiġix implimentat b'mod adegwat fil-BĊE.

29. L-għarfien tal-persunal dwar il-qafas ORM kien inkluż fl-istħarriġiet tal-persunal fl-2009 u fl-2010. L-istħarriġ tal-2009 wera li madwar 40 % ta' dawk li wieġbu qalu li huma ma rċevewx biżżejjed informazzjoni dwar l-ORM; 56 % ma kinux jafu min inħatar bħala koordinatur tar-riskju tal-qasam tax-xogħol tagħhom u 45 % ma kinux jafu fejn isibu l-informazzjoni dwar l-ORM fuq l-intranet. Fl-istħarriġ tal-2010, 40 % kien għadhom ma jafux fejn isibu l-informazzjoni dwar l-ORM.

---

[25] Il-qasam tan-negozju (il-proprjetarju tar-riskju) responsabbli għar-riskju orizzontali (riskju li għandu impatt fuq diversi oqsma tax-xogħol) għandu jirrakkomanda u/jew jimplimenta miżuri xierqa tat-trattament tar-riskju li huma applikabbli mal-BĊE.

<u>Il-konnessjoni mal-ippjanar strateġiku u finanzjarju (iċ-ċiklu tal-baġit annwali)</u>

30. *Il-ġestjoni tar-riskju għandha tkun inkorporata fil-governanza tal-BĊE bħala parti integrali mill-ippjanar strateġiku, tan-negozju u finanzjarju tal-bank.*

31. Parti importanti tal-istabbiliment tal-profil tar-riskju tal-BĊE hija l-valutazzjoni annwali tar-riskji operazzjonali mmexxija mill-oqsma tax-xogħol u l-funzjoni tal-ORM/BCM. Il-valutazzjonijiet għall-2009 twettqu mill-oqsma tax-xogħol f'Ġunju sa Awwissu 2009 u wara saret laqgħa ta' kalibrar mal-koordinaturi tar-riskju. Rapport b'approċċ minn fuq għal isfel ġie finalizzat f'Jannar 2010.

32. Il-profil tar-riskju għandu jkun wieħed mill-kontribuzzjonijiet għall-proċess tal-ippjanar strateġiku, li mbagħad imexxi l-pjan finanzjarju. Il-verifika wriet, madankollu, li m'hemmx integrazzjoni tal-valutazzjoni annwali tar-riskji operazzjonali u taċ-ċiklu ta' ppjanar finanzjarju u strateġiku tal-BĊE. Għaldaqstant l-ORM qiegħed fir-riskju li jsir eżerċizzju iżolat u l-pjan finanzjarju jista' jkun li mhux qed imexxi r-riżorsi kif xieraq biex jikseb miri strateġiċi[26].

33. Eżempju ta' prattika tajba huwa l-Bank of Canada fejn il-profil tar-riskju tal-bank huwa parti integrata taċ-ċiklu ta' ppjanar strateġiku u finanzjarju globali tal-bank[27].

---

26 Ibbażat fuq il-konklużjoni mill-artikolu "ERM at the Federal Reserve Bank of Richmond", 2007, Jack Dorminey u Richard Mohn.

27 Sors: Il-websajt tal-Bank of Canada "Medium-term plan 2010-12" ("Pjan ta' terminu medju 2010-12") (www.bankofcanada.ca fit-13 ta' Lulju 2011).

<u>Il-proċess tal-ORM: L-identifikazzjoni tar-riskju, il-valutazzjoni u r-rispons, ir-rapportar, il-monitoraġġ u s-segwitu</u>

*L-identifikazzjoni tar-riskju, il-valutazzjoni u r-rispons*

34. *Ir-riskji operazzjonali inerenti kollha fl-attivitajiet, fil-proċessi u fis-sistemi għandhom jiġu identifikati u vvalutati. Ir-riskji għandhom jiġu evalwati skont il-politika eżistenti u l-livell ta' tolleranza biex jiġi ddeterminat rispons adegwat ibbażat fuq kalkoli tal-ispejjeż suffiċjenti. Għandu jkun hemm rapportar regolari ta' informazzjoni pertinenti lill-maniġment superjuri u l-Bord Eżekuttiv li jappoġġa l-ġestjoni proattiva ta' riskju operazzjonali.*

35. Il-qafas ORM ġie implimentat prinċipalment b'valutazzjonijiet b'approċċ minn fuq għal isfel. Skont il-politika tar-riskju tal-BĊE, l-oqsma tax-xogħol għandhom iwettqu wkoll b'mod kontinwu, valutazzjonijiet minn isfel għal fuq ta' proċessi ta' oqsma tax-xogħol u r-riskji identifikati għandhom jiġu approvati[28].

36. Il-BĊE mexxa valutazzjonijiet tar-riskju b'approċċ minn fuq għal isfel fl-2008 u fl-2009. Il-funzjoni ORM/BCM ipprovdiet l-oqsma tax-xogħol b'xi riskji ta' livell għoli ddefiniti minn qabel li kienu l-bażi għall-valutazzjonijiet tar-riskji tagħhom. Fir-rapport finali ġie inkluż pjan ta' azzjoni għal kull qasam tax-xogħol.

Il-BPH jeħtieġ li l-oqsma tax-xogħol għandhom janalizzaw u jiddefinixxu l-istrateġiji ta' rispons għar-riskju u jmexxu analiżi ta' kostbenefiċċju ta' soluzzjonijiet possibbli.

37. L-oqsma kollha tax-xogħol kienu identifikaw riskji u reazzjonijiet b'rabta mal-eżerċizzju tal-2009 minn fuq għal isfel. Ir-rapport ta' valutazzjoni tal-2009 minn fuq għal isfel kien fih punti ta' azzjoni ta' segwitu għal kull qasam tan-

[28] Għal proġetti bħall-IT, jeżistu proċeduri speċifiċi kif deskritt fl-Organizzazzjoni tal-Proġett u fil-Proċeduri ta' Kontroll. Ir-riskji tal-proġett huma rrapportati separatament permezz tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Proġett/ il-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Proġett ta' Stabbilimenti Ġodda. Il-ġestjoni tar-riskju relatata ma' proġetti speċifiċi ġiet eskluża mill-ambitu ta' din il-verifika.

negozju. Madankollu, ma kienx hemm analiżijiet ta' kostbenefiċċju dokumentati fl-oqsma tax-xogħol li ttieħdu bħala kampjun.

38. Għal xi riskji l-proċedura ta' aċċettazzjoni mill-ORC/EB kienet bil-mod ħafna wara li ġie identifikat ir-riskju mill-qasam tax-xogħol. Pereżempju, żewġ riskji identifikati f'Lulju-Awwissu 2009 kien għadhom ma ġewx approvati f'Diċembru 2010. Il-lista ta' punti ta' azzjoni miftuħa riveduti fil-laqgħat tal-ORC turi wkoll li wħud baqgħu miftuħa għal aktar minn sena u oħrajn sa sentejn.

39. Għal tliet oqsma tax-xogħol biss minn sitta li ttieħdu bħala kampjun kien possibbli li jiġu identifikati riżorsi speċifiċi allokati għall-attivitajiet tal-ORM fil-programm ta' ħidma tagħhom, iżda d-deskrizzjoni tal-attivitajiet tal-ORM kienet vaga u ma kienx possibbli li jiġu intraċċati l-punti ta' azzjoni mill-eżerċizzju tal-ORM tal-2009 minn fuq għal isfel għall-programmi ta' ħidma tal-Qasam tax-Xogħol.

**Il-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju tal-BĊE**

40. Il-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju (BCM) hija komponent sinifikanti tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali. Din teħtieġ pjanijiet ta' kontinġenza u ta' rkupru ta' xenarju tal-agħar każijiet li għandhom mnejn iseħħu 'l quddiem biex tiġi żgurata l-kontinwità ta' attivitajiet u proċessi kritiċi jekk tinqala' xi kriżi.

41. Il-Qorti eżaminat jekk:

(i) il-qafas globali tal-BCM huwiex adegwat u konformi mal-aqwa prattika;

(ii) il-proċessi kritiċi humiex identifikati b'mod adegwat;

(iii) il-pjanijiet ta' kontinwità tan-negozju individwali (BCPs) ta' oqsma tax-xogħol magħżula jindirizzawx b'mod adegwat ir-riskji biex jiżguraw kontinwità xierqa ta' operazzjonijiet kritiċi;

(iv) l-arranġamenti tal-kontinwità tan-negozju kinux ittestjati b'mod adegwat, u jekk

(v) il-persunal kienx mgħarraf u mħarreġ dwar l-arranġamenti tal-kontinwità tan-negozju.

Il-qafas BCM

42. *Il-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju hija approċċ globali tan-negozju li jinkludi politiki, standards u proċeduri biex ikun żgurat li operazzjonijiet speċifiċi jistgħu jinżammu jew jiġu rkuprati fi żmien xieraq fil-każ ta' sfaxxar. L-iskop tagħha huwa li tnaqqas il-konsegwenzi operazzjonali, finanzjarji, legali, ta' reputazzjoni jew oħrajn materjali li ġejjin minn sfaxxar*[29]*.*

43. L-iskop tal-BCM huwa li tiżgura li l-arranġamenti u s-soluzzjonijiet tal-kontinwità tan-negozju jkunu konformi mal-objettivi, l-obbligi, id-dmirijiet statutorji tal-BĊE u l-politika ta' tolleranza tar-riskju tal-BĊE.[30]

44. Il-verifika kienet tinkludi reviżjoni tad-dokumenti prinċipali li jikkostitwixxu l-qafas tal-BCM:

- il-kapitolu 26 tal-Manwal dwar il-Prattiċi tan-Negozju jistipula l-qafas wiesa', jiddefinixxi l-proċessi u l-produzzjonijiet ulterjuri li għandhom jiġu prodotti, u jiddefinixxi r-rwoli u r-responsabbiltajiet;
- strateġija dwar l-ittestjar u t-taħriġ tal-kontinwità tan-negozju tal-BĊE;
- programm dwar l-ittestjar tal-kontinwità tan-negozju; u
- manwal dwar il-ġestjoni tal-kriżi.

45. Il-BĊE żviluppa manwal dwar il-kriżi li jiddefinixxi r-rwoli, ir-responsabbiltajiet u l-proċessi f'każ ta' kriżi kif ukoll id-dettalji ta' kuntatt tat-tim

---

[29] "High-level principles for business continuity" (Prinċipji ta' livelli għoljin għall-kontinwitá tan-negozju), il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, Awwissu 2006, il-paragrafu 9.

[30] "Business Practice Handbook" (BPH) (Il-Manwal għall-Prattiċi tan-Negozju) , il-ħames edizzjoni, il-BĊE, l-24 ta' Settembru 2010.

tal-ġestjoni ta' kriżi. Kull qasam tan-negozju għandu responsabbiltà sħiħa għall-iżvilupp tal-BCP tiegħu. Madankollu, il-mudell ta' livell għoli tal-BCP ma jeħtieġx BCP globali fil-livell tal-BĊE u wieħed ma kienx preparat.

46. Il-BĊE waqqaf qafas sod li jipprovdi gwida dwar il-politiki, il-proċessi u r-responsabbiltajiet tal-BCM fl-organizzazzjoni. Madankollu, l-approċċ deċentralizzat tiegħu joħloq ukoll riskju li, fin-nuqqas ta' koordinazzjoni stretta, il-BCM tista' ma tiġix implimentat mal-organizzazzjoni b'mod konsistenti.

<u>L-identifikazzjoni ta' proċessi kritiċi</u>

47. *L-analiżijiet tal-impatt tan-negozju (BIA) huma proċess dinamiku biex jiġu identifikati operazzjonijiet u servizzi kritiċi, dependenzi interni u esterni prinċipali u livelli ta' reżiljenza xierqa. Din tanalizza r-riskji u l-impatt potenzjali ta' xenarji varji ta' sfaxxar fuq l-operazzjonijiet u r-reputazzjoni ta' organizzazzjoni*[31]*.*

48. L-analiżi l-aktar riċenti b'impatt sħiħ tan-negozju (BIA) twettqet fl-2006[32] biex tidentifika r-riżultati tanġibbli u s-servizzi kritiċi għall-kontinwità tal-operazzjonijiet prinċipali tal-Bank. L-oqsma prinċipali tal-fokus għall-BIA li twettqet kienu jinkludu:

- l-identifikazzjoni tal-proċessi kritiċi tan-negozju;
- il-kategorizzazzjoni tar-rekwiżiti kritiċi;
- il-gwida dwar kif jiġu indirizzati proċessi li ma jerġgħux iseħħu jew mhux frekwenti;

---

[31] "High-level principles for business continuity" (Prinċipji ta' livelli għoljin għall-kontinwitá tan-negozju), il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, Awwissu 2006, il-paragrafu 10.

[32] "ECB Business Impact Analyses" (L-Analiżijiet tal-Impatt tan-Negozju tal-BĊE), Edizzjoni 2006, id-Direttorat Ġenerali għar-Riżorsi Umani, l-Estimi u l-Organizzazzjoni, is-16 ta' Jannar 2007.

- l-identifikazzjoni ta' rekwiżiti ta' appoġġ addizzjonali.

49. Aġġornament komprensiv tal-BIA li twettaq fl-2007 identifika diskrepanzi f'termini ta' kontinwità tan-negozju u l-arranġamenti validi f'dak iż-żmien. Ġiet stabbilita strateġija ta' segwitu. Din kienet tinkludi għażliet biex jitnaqqsu d-diskrepanzi identifikati jew jiġu aċċettati r-riskji u l-ispejjeż. Madankollu, filwaqt li dan id-dokument ippreżenta l-ispejjeż tal-IT u s-soluzzjonijiet loġistiċi tal-infrastruttura, dan ma ġiex analizzat biex juri l-impatt tal-livelli differenti tar-riskju fuq l-ispejjeż.

50. L-aktar aġġornament riċenti tal-BIA biex jitnaqqsu d- diskrepanzi identifikati fl-2007 tlesta fl-2010. Ma saret l-ebda analiżi sħiħa tal-impatt tan-negozju mill-kriżi finanzjarja 'l hawn.

<u>Il-Pjanijiet tal-Kontinwità tan-Negozju</u>

*L-operazzjonijiet kritiċi*

51. *IL-BCPs għandhom ikunu mfassla sabiex l-operazzjonijiet kritiċi jkunu identifikati biex jiżguraw li l-BĊE għandu jkun kapaċi jissodisfa l-obbligi statutorji tiegħu kif definit fil-protokoll rilevanti dwar l-istatut tal-BĊE*[33]*. Il-BCPs għandhom jiġu żviluppati madwar"xenarju tal-agħar każ" bil-fehim li r-rispons ikun jista' jitnaqqas b'mod xieraq biex ikun jaqbel mal-kriżi attwali*[34]*.*

52. Il-BĊE stipula valuri referenzjarji primarji għad-determinazzjoni tal-kritikalità marbuta ma' għadd ta' riskji u bbażata fuq l-obbligi statutorji tiegħu (ara l-***<u>Kaxxa 3</u>***).

---

33 L-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 4) dwar l-istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew jiddefinixxi l-kompiti statutorji li għandhom jitwettqu mill-BĊE.

34 *Business Continuity Guideline: A Practical Approach for Emergency Preparedness, Crisis Management and Disaster Recovery*, ASIS international, 2005, il-paragrafu 11.3.

| **Il-Kaxxa 3 – Valuri referenzjarji primarji għad-determinazzjoni ta' kritikalità** |
| --- |
| L-ilħuq tal-obbligi statutorji, inkluż:<br>- id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja għaż-żona tal-euro;<br>- it-tmexxija ta' operazzjonijiet tal-munita barranija;<br>- iż-żamma u l-ġestjoni ta' riżervi uffiċjali barranin tal-pajjiżi taż-żona tal-euro; u<br>- il-promozzjoni tal-operazzjoni mingħajr xkiel ta' sistemi ta' pagament.<br><br>L-impatt tal-interruzzjoni għal proċess identifikat fir-rigward ta':<br>- l-instabbiltà tas-suq;<br>- it-telf ta' kredibbiltà/dehra/reputazzjoni;<br>- it-telf finanzjarju għall-BĊE;<br>- it-telf finanzjarju għal istituzzjonijiet oħra;<br>- il-problemi legali potenzjali;<br>- impatti oħra mhux inklużi hawn fuq. |

*Sors*: Ir-reviżjoni tal-BIA tal-BĊE tal-2006.

53. Skont ir-reviżjoni tal-Qorti ta' dawn il-valuri referenzjarji primarji u valutazzjoni preliminari tal-livell potenzjali tal-operazzjonijiet li tkomplew taħt xenarji stabbiliti[35], il-pjanijiet żviluppati kienu mfassla biex jiżguraw li l-obbligi statutorji jiġu ssodisfati. Madankollu, ir-reviżjoni tal-Qorti tal-BCPs identifikat nuqqas ta' pjanijiet li jindirizzaw telf serju ta' riżorsi umani[36] f'każ ta' diżastru. Għalkemm l-oqsma tax-xogħol responsabbli għall-proċessi ddefinixxew il-persunal tal-kontinwità tan-negozju u identifikaw is-sostituti tagħhom, l-ebda wieħed ma kellu pjan ta' riżerva f'każ ta' skala wiesgħa ta' nuqqas ta' persunal disponibbli.

---

[35] Abbażi ta' sitt xenarji ta' diżastru, il-BIA tqis l-impatt fuq il-kapaċità operazzjonali ta' kull qasam tan-negozju.

[36] Kif meħtieġ minn prinċipji ta' Livell għoli għall-kontinwità tan-negozju, il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, Awwissu 2006, il-paragrafu 23.

*Il-konformità mal-mudell BCP ta' livell għoli*

*54. Skont il-mudell BCP ta' livell għoli, il-BCPs individwali tal-oqsma tax-xogħol għandhom ikopru:*

- *aspetti organizzattivi*[37]*;*
- *proċessi kritiċi*[38]*;*
- *rekwiżiti*[39]*; u*
- *lista tal-partijiet interessati.*

*Organizzazzjoni għandha tiżen il-benefiċċju dirett tagħha minn miżuri biex ittejjeb ir-reżiljenza tagħha għal sfaxxar operazzjonali kontra l-ispiża ta' dawn il-miżuri*[40]*.*

55. Il-mudell BCP ta' livell għoli globali tal-BĊE jipprovdi l-istruttura mandatorja u l-kontenuti ta' BCPs tal-qasam tan-negozju individwali. F'dan ir-rigward, dan il-mudell jinkludi biss l-istruttura tad-dokumenti BCP li għandhom jiġu pprovduti mill-oqsma.

56. Il-BCPs huma ppreparati fil-livell tal-qasam tan-negozju, tad-dipartiment jew tad-diviżjoni. Il-mudell BCP ta' livell għoli ġeneralment huwa rispettat f'termini ta' kontenut mandatorju, iżda hemm differenzi kbar fil-grad tad-dettall. Għalkemm il-funzjoni ORM/BCM għandha rwol ċentrali ta' koordinazzjoni, il-kwalità tal-BCPs individwali tiddependi fuq il-persuna responsabbli fil-livell tal-

---

[37] Jiġifieri: korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-każ ta' kriżi, kompożizzjoni ta' tim tal-kontinwità tan-negozju, relazzjonijiet ma' timijiet oħra, lokalitajiet tat-timijiet tal-kontinwità tan-negozju.

[38] Jiġifieri: dawk li kienu identifikati u approvati bħala parti mill-BIA, lista tal-kompiti fid-detall tal-attivitajiet speċifiċi meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-proċessi kritiċi msemmija hawn fuq.

[39] Jiġifieri: Tagħmir tal-IT u tal-uffiċċju, manwali.

[40] "High-level principles for business continuity" (Prinċipji ta' livelli għoljin għal kontinwità tan-negozju), il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, Awwissu 2006, il-paragrafu 13.

qasam tan-negozju. Ma kienx hemm evidenza li l-BCPs individwali huma riveduti biżżejjed mill-funzjoni ORM/BCM.

57. Mill-ħames oqsma tax-xogħol[41] magħżula għall-ittestjar fid-dettall, erbgħa pprovdew BCP konformi mar-rekwiżiti, li tlieta minnhom indirizzaw għal kollox il-proċessi kritiċi identifikati fil-BIA.

58. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ma ġietx dokumentata analiżi bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji fl-oqsma tan-negozju li ttieħdu bħala kampjun dwar l-għażliet ta' kontinwità tan-negozju, inkluża l-valutazzjoni ta' diversi livelli ta' riskju.

<u>L-ittestjar</u>

59. *L-organizzazzjonijiet għandhom jittestjaw il-pjanijiet ta' kontinwità tan-negozju tagħhom, jevalwaw l-effettività tagħhom u jaġġornaw il-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju tagħhom, kif xieraq[42]. BS25999[43] jeħtieġ l-organizzazzjoni tiżgura li l-arranġamenti tal-BCM ikunu vvalidati permezz ta' eżerċizzju u reviżjoni u jinżammu aġġornati.*

60. Ġew riveduti d-dokumenti li ġejjin:

- l-istrateġija tal-ittestjar tal-kontinwità tan-negozju[44];

- il-programmi tal-ittestjar u l-iskedi għall-perjodu 2008-2010; u

---

41 Id-DĠ-IS għandu proċess ta' kontinwità tan-negozju separat. Dan huwa soġġett għal verifika esterna għall-konformità mal-ISO 20000 u għal din ir-raġuni il-BCP tad-DĠ-IS ġie eskluż mill-ambitu tal-verifika tal-Qorti tal-2010.

42 "High-level principles for business continuity" (Prinċipji ta' livell għoli għall-kontinwità tan-negozju), il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, Awwissu 2006, il-prinċipju 6.

43 Il-Kodiċi ta' Prattika tal-Istandard Brittaniku għall-BCM.

44 "ECB Business Continuity Testing and Training Strategy" (L-istrateġija tat-Taħriġ u tal-Ittestjar tal-Kontinwita tan-Negozju tal-BĊE), Il-Kumitat tar-Riskju Operazzjonali, l-4 ta' Marzu 2008.

- ir-rapporti tal-ittestjar.

61. L-istrateġija tal-ittestjar tiffoka fuq il-BCPs u l-Pjanijiet ta’ Rkupru ta’ Sistemi ta’ Informazzjoni żviluppati biex jirrevedu proċessi kritiċi skont il-BIA. Il-qafas tal-ittestjar jinkludi allokazzjoni ċara ta’ responsabbiltajiet, li tistabbilixxi l-ambitu ta’ ttestjar, ir-rekwiżiti tar-rapportar, il-frekwenza tat-test kif ukoll il-programm ta’ ttestjar rilevanti fuq medda medja. Ir-reviżjoni indikat li qafas ta’ ttestjar adegwat ġie stabbilit f’konformità mar-rekwiżiti tal-BS 25999.

62. It-testijiet li saru identifikaw li l-eżerċizzji tal-ittestjar, għalkemm ikopru l-persunal prinċipali u jsiru fuq bażi regolari, mhux dejjem jissimulaw iċ-ċirkostanzi li l-BĊE jaffaċċja kieku f’każ ta’ sfaxxar maġġuri tan-negozju. Testijiet ippjanati fl-2009 u fl-2010 ma koprewx ix-xenarji kollha stabbiliti mill-BĊE u ma sarux it-testijiet kollha li kienu ppjanati oriġinarjament.

<u>It-taħriġ u l-għarfien</u>

63. *Il-ġestjoni ta’ kriżi u t-timijiet ta’ rispons għandhom jiġu mgħallma dwar ir-responsabbiltajiet u d-dmirijiet tagħhom. It-timijiet għandhom ikunu mħarrġa mill-inqas kull sena u membri ġodda għandhom jitħarrġu meta dawn jingħaqdu mat-tim. Il-persunal kollu għandu jkun imħarreġ biex iwettaq ir-responsabbiltajiet individwali tiegħu f’każ ta’ kriżi. Huwa għandu jiġi mgħarraf dwar il-komponenti prinċipali tal-Pjan tal-Kontinwità tan-Negozju*[45].

64. L-istrateġija ta’ taħriġ adottata mill-BĊE tispeċifika li l-persunal kollu għandu jibbenefika minn programm ta’ titjib tal-għarfien tal-BCM[46]. Dwar l-

---

[45] *Business Continuity Guideline: A Practical Approach for Emergency Preparedness, Crisis Management, and Disaster Recovery*, ASIS international, 2005; il-paragrafu 12.1.1.

[46] “ECB Business Continuity Testing and Training Strategy”(L-istrateġija tat-Taħriġ u tal-Ittestjar tal-Kontinwita tan-Negozju tal-BĊE), Il-Kumitat tar-Riskju Operazzjonali, l-4 ta’ Marzu 2008.

ittestjar, l-istrateġija ta' taħriġ tipprevedi l-istabbiliment ta' programm ta' taħriġ li għandu jipprovdi dettalji tal-implimentazzjoni.

65. Fl-2010 saru programmi fuq ħames nofstanhari ta' taħriġ dwar il-ġestjoni tal-kriżi biex jipprovdu spjegazzjoni tal-Manwal dwar il-Kriżi adottat mill-BĊE. B'mod ġenerali, kemm l-introduzzjoni tal-manwal kif ukoll is-sessjoni ta' taħriġ irċevew valutazzjonijiet pożittivi mill-parteċipanti tal-kors iżda ġie nnotat ukoll li l-ittestjar tas-simulazzjoni kieku jkun apprezzat ħafna.

66. Filwaqt li l-verifika sabet evidenza ċara li qed isir it-taħriġ ta' kontinwità tan-negozju rilevanti, jiġifieri permezz tal-ittestjar tal-BCPs, din ma sabitx evidenza li għarfien ieħor tal-persunal dwar il-qafas u l-proċessi tal-kontinwità tan-negozju ġie indirizzat b'mod attiv. Diversi dokumenti ta' referenza interni[47] jirrikonoxxu li għalkemm l-ittestjar għandu rwol prinċipali fit-taħriġ tal-persunal, hemm ħtieġa li l-persunal kollu jiġi indirizzat permezz ta' programm dwar l-għarfien tal-persunal. Dan it-tali programm s'issa għadu ma ġiex żviluppat, minħabba li l-funzjoni ċentrali ORM/BCM tqis li l-għarfien fost il-persunal tal-arranġamenti tal-kontinwità tan-negozju huwa sodisfaċenti. Minkejja dan, stħarriġ intern[48] jenfasizza li aktar minn 12 % (20 % fl-2009) ta' dawk li wieġbu mhumiex konxji dwar l-arranġamenti tal-kontinwità tan-negozju għall-qasam tan-negozju tagħhom u ma jkunux jafu kieku fejn għandhom isibu l-informazzjoni dwar kif jirreaġixxu fil-każ ta' kriżi.

---

[47] "Business continuity testing and training strategy" (L-istrateġija ta' taħriġ jew ittestjar tal-kontinwità tan-negozju), p. 15; "Business Practice Handbook" (il-Manwal dwar il-Prattika tan-Negozju), 26.1; "Business Continuity Framework" (Il-Qafas dwar il-Kontinwità tan-Negozju) (intranet tal-BĊE); "Business Continuity Management Policy document" (Dokument dwar il-Politika tal-Ġestjoni tal-Kontinwità tan-Negozju).

[48] Rapport dwar l-Istħarriġ dwar is-Sodisfazzjon tal-Konsumatur Intern tal-BĊE tal-2009 u l-2010.

***Il-BĊE ġesta r-riskji finanzjarji tiegħu b'mod effettiv?***

67. Il-ġestjoni tar-riskju finanzjarju hija proċess li jittratta l-inċertezzi li ġejjin mis-swieq finanzjarji. Din tinvolvi l-valutazzjoni tar-riskji finanzjarji li l-organizzazzjoni qed taffaċċja u l-iżvilupp ta' strateġiji ta' ġestjoni konsistenti mal-prijoritajiet u l-politiki interni.

68. Il-Qorti eżaminat jekk:

- il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju globali għall-investimenti u l-operazzjonijiet tal-politika huwiex adegwat u konformi mal-aqwa prattika;
- il-metodoloġija tar-riskju finanzjarju użata mill-BĊE hijiex adegwata għall-ġestjoni tar-riskji finanzjarji;
- il-metodoloġija tar-riskju finanzjarju hijiex applikata b'mod effettiv mill-BĊE; u
- ir-rapportar dwar il-ġestjoni tar-riskju finanzjarju huwiex regolari u affidabbli.

**Il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju għall-investimenti u l-operazzjonijiet tal-politika**

69. *Il-qafas għandu jipprovdi definizzjoni tar-riskju finanzjarju mifruxa mal-kumpanija kollha u jistabbilixxi l-prinċipji dwar kif ir-riskju finanzjarju għandu jiġi identifikat, ivvalutat issorveljat u kkontrollat/mitigat*[49]*. Il-bank irid ikollu sistema ta' ġestjoni tar-riskju finanzjarju b'responsabbiltajiet ċari assenjati.*

70. Il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju tal-BĊE huwa mfassal biex ikopri riskji li ġejjin minn żewġ operazzjonijiet tal-BĊE: (i) l-investment u (ii) il-kreditu. L-operazzjonijiet tal-investiment huma marbuta maż-żewġ portafolli tal-

---

[49] Basel, ERM COSO (Enterprise Risk Management Committee of Sponsoring Organizations) (Kumitat tal-Ġestjoni tar-Riskju ta' Impriża ta' Organizzazzjonijiet ta' Sponsorjar).

investiment, ir-riżervi barranin[50] (EUR 60 600 miljun fil-31 ta' Diċembru 2010) u fondi proprji[51] (EUR 13 300 miljun fil-31 ta' Diċembru 2010). L-operazzjonijiet ta' kreditu huma marbuta mal-operazzjonijiet ta' politika monetarja[52]. L-attivitajiet tal-investiment tal-BĊE jinkludu l-ġestjoni tar-riżervi barranin tal-BĊE[53], il-portafoll tal-fondi proprji tal-BĊE, il-ġestjoni tal-fond tal-pensjoni u l-attivitajiet marbuta maż-żewġ portafolli miżmuma għal skopijiet ta' politika monetarja[54].

71. Id-diviżjoni tal-RMA hija responsabbli għaż-żamma tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju ġenerali għall-operazzjonijiet tal-investiment u l-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-kontrolli tar-riskji li jirriżultaw minn dawn l-operazzjonijiet. Hija tissorvelja l-konformità mal-politiki u l-proċessi mifthiema tal-ġestjoni tar-riskju tal-kreditu u tas-suq. Każijiet ta' nuqqas ta' konformità huma rrapportati skont proċeduri addizzjonali mifthiema.

72. Id-DĠ-M huwa l-qasam tan-negozju li jmexxi l-operazzjonijet ta' investiment fil-BĊE. Huwa responsabbli wkoll mill-manutenzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-applikazzjoni tal-ġestjoni tal-portafoll tal-Eurosistema[55]. Id-Diviżjoni

---

[50] Linja gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-20 ta' Ġunju 2008 dwar l-immaniġġjar tal-assi ta' riżervi barranin tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali u d-dokumentazzjoni legali għall-operazzjonijiet li jinvolvu dawn l-assi (abbozzata mill-ġdid) (BĊE/2008/5) (2008/596/KE).

[51] "Il-Linja gwida OFM", Lulju 2010, "Il-Linji gwida dwar l-Investiment ta' Fondi Proprji tal-BĊE", Settembru 2010.

[52] Linja gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Settembru 2002 dwar standards minimi għall-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali meta jwettqu operazzjonijiet ta' politika monetarja, operazzjonijiet ta' kambju internazzjonali mar-riservi esteri tal-BĊE u l-ġestjoni tal-assi ta' riserva estera tal-BĊE (BĊE/2002/6).

[53] Inklużi r-riżervi tad-deheb.

[54] Portafoll ta' Programm ta' Xiri ta' Bonds Koperti (CBPP) u l-portafoll tal-Programm għas-Swieq tat-Titoli (SMP).

[55] Applikazzjoni użata għall-ġestjoni tar-riżervi barranin u r-riżorsi proprji tal-BĊE u biex tipproduċi ċ-ċifri tal-prestazzjoni.

għall-Investiment tad-DĠ-M hija responsabbli mill-preparazzjoni tal-proposti tal-Kumitat għall-Investiment għall-valur referenzjarju tattiku għall-portafolli ta' riżervi barranin u l-ġestjoni diretta tal-portafoll tal-fondi proprji tal-BĊE.

73. Il-Manwal dwar il-Ġestjoni tar-Riskju Finanzjarju[56], id-dokument prinċipali għall-ġestjoni tar-riskju finanzjarju ta' attivitajiet ta' investiment, jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tal-politiki, tal-proċessi u tal-proċeduri rilevanti kollha b'mod partikolari billi jirreferi għad-dokumenti approvati mill-korp għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BĊE.

74. Il-qafas globali u l-ġestjoni tar-riskju finanzjarju stabbiliti mill-BĊE għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet tal-investiment u tal-politika jipprovdu definizzjoni mifruxa b'mod wiesgħa mal-banek ta' riskju finanzjarju u jistabbilixxi l-prinċipji dwar kif ir-riskju finanzjarju għandu jiġi identifikat, ivvalutat, issorveljat u kkontrollat/mitigat.

**Il-metodoloġija tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju**

75. *Linji gwida ta' investiment adegwat għandhom jiġu stabbiliti biex jistabbilixxu l-livell tar-riskju li se jiġi aċċettat u jipprovdu gwida komprensiva għall-operazzjonijiet tal-investiment.*

76. Il-manwal dwar il-Ġestjoni tar-Riskju Finanzjarju tal-BĊE jiddefinixxi l-elementi li ġejjin:

(i) it-tolleranza tar-riskju tal-BĊE;

(ii) l-istrumenti u l-operazzjonijiet approvati;

(iii) kontrapartijiet u emittenti eliġibbli, iffissar tal-limiti;

(iv) allokazzjoni strateġika tal-assi;

---

[56] "Handbook of Financial Risk Management, Policies and procedures" (Il-Manwal dwar il-Ġestjoni tar-Riskju Finanzjarju, il-Politiki u l-proċeduri), Marzu 2008.

(v) il-monitoraġġ tar-rapportar u l-valutazzjoni; u

(vi) ir-reviżjoni tal-qafas[57].

77. Il-proċess tal-investiment tar-riżervi barranin huwa mmexxi minn struttura ta' tliet saffi li tħaddan il-valur referenzjarju strateġiku, il-valur referenzjarju tattiku u l-portafolli attwali. Il-valur referenzjarju strateġiku jirrifletti l-preferenzi dwar ir-riskji u r-redditu fuq medda twila taż-żmien u jiġi deċiż mill-Kunsill Governattiv.

78. Il-proċess tal-investiment tal-fondi proprji huwa bbażat fuq struttura ta' żewġ saffi, il-valur referenzjarju strateġiku u l-portafoll attwali. Il-valur referenzjarju strateġiku jiġi deċiż mill-Bord Eżekuttiv.

79. Ir-redditu huwa massimizzat skont restrizzjonijiet ta' nuqqas ta' telf u ta' allokazzjoni tal-assi u huwa implimentat permezz ta' allokazzjoni ta' assi strateġiċi speċifiċi[58].

80. Il-listi ta' pajjiżi, emittenti u kontrapartijiet eliġibbli huma miżmuma mill-RMA. Il-limiti għall-kontrapartijiet huma stabbiliti mill-RMA bbażati fuq il-metodoloġija approvata mill-Bord Eżekuttiv. Għall-ġestjoni tar-riżervi barranin, il-limiti huma allokati lill-BĊN ibbażati fuq il-metodoloġija approvata mill-Kunsill Governattiv. Darba fis-sena jsir aġġornament sistematiku tal-limiti kollha. Barra minn hekk, implikazzjonijiet ta' tibdil fir-rati dwar l-eliġibbiltà u l-limiti jiġu kkunsidrati immedjatament.

81. L-allokazzjoni strateġika tal-assi tqis ir-rekwiżiti ta' politika ta' livell għoli li ġejjin:

---

[57] Reviżjoni tal-punti (i) – (v) b'mod regolari jew mill-inqas darba f'sena mill-Bord Eżekuttiv jew il-Kunsill Governattiv.

[58] Dan ġie deċiż mill-Kunsill Governattiv għar-Riżervi Barranin u l-Bord Eżekuttiv għall-fondi proprji bbażat fuq il-proposti mill-RMA.

(i) l-objettivi għaż-żamma tar-riżervi;

(ii) il-preferenzi dwar ir-riskju/ir-redditu;

(iii) il-filosofija tal-mudellar;

(iv) l-orizzont tal-investiment u l-frekwenza tar-reviżjoni;

(v) id-diviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn il-valur referenzjarju strateġiku u s-saffi tattiċi fil-katina tal-investiment;

(vi) il-kontenut tal-informazzjoni li jikkontribwixxi għad-deċiżjonijiet tal-investiment;

(vii) l-investimenti eliġibbli, u

(viii) il-limiti imposti fuq l-investiment.

L-orizzonti tal-investiment u tar-riskju huma stabbiliti għal sena għar-riżervi barranin u għal ħames snin għall-fondi proprji.

82. Il-verifika tal-Qorti kienet tinkludi reviżjoni tal-:

- kompletezza u l-adegwatezza tad-definizzjoni tat-teħid tar-riskju u tal-istrateġija tar-riskju;
- linji gwida għall-investiment;
- proċess tad-deċiżjoni li jistabbilixxi l-limiti għall-investiment;
- miżuri tar-riskju u l-konsistenza tagħhom: ir-riskju tas-suq, ir-riskju tal-kreditu, ir-riskju tal-kontraparti, ir-riskju tal-likwidità u r-riskju operazzjonali ta' attivitajiet tal-investiment.

83. Ir-reviżjoni tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju tindika li l-metodoloġija tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju tistabbilixxi biżżejjed il-livell tar-riskju li se jiġi

aċċettat u tipprovdi gwida komprensiva għall-operazzjonijiet tal-investiment fil-BĊE.

**L-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju**

*84. Il-metodoloġija tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju kif deskritta fit-taqsima ta' qabel għandha tiġi applikata b'mod effettiv fil-prattika.*

85. Il-verifika tal-Qorti kienet tinkludi:

(i) ir-reviżjoni tal-adegwatezza ta' valuri referenzjarji meta mqabbla mal-profil tal-portafoll tar-riskju, inklużi l-miżuri tal-iżbalji, il-kwalità tad-*data*, il-ġestjoni tad-*data* u s-sigurtà tad-data ta' valuri referenzjarji strateġiċi u tattiċi;

(ii) ir-reviżjoni tal-għodod u tas-sistema li tappoġġa l-komputazzjoni u l-aġġornament tal-portafolli u l-valuri referenzjarji; u

(iii) ir-reviżjoni tal-ġestjoni tal-bidla tal-valur referenzjarju.

86. Għar-reviżjoni tal-qafas tal-Valur fir-Riskju ġew ikkunsidrati l-aspetti li ġejjin:

(i) l-analiżijiet tal-kwalità tad-*data* u l-ġestjoni tad-*data*, ir-reviżjoni tad-data tas-sigurtà u tal-kontroll;

(ii) l-analiżi tat-teknika tal-mudellar, tas-suppożizzjonijiet tal-mudell, tal-komponenti prinċipali tal-mudellar; u

(iii) it-testijiet tar-raġonevolezza, ir-reviżjoni tar-riżultati tat-test retrospettiv, l-analiżijiet tar-rapportar.

87. L-ittestjar wera li l-metodoloġija kienet implimentata b'mod adegwat. Madankollu, il-"prinċipju tal-erba' għajnejn" ma kienx iddokumentat. Barra minn dan, ir-reviżjoni tal-mudelli użati għall-kalkolu tal-valuri referenzjarji strateġiċi u tattiċi kif ukoll il-kalkoli VaR, inkluża l-validazzjoni tal-mudell urew li għal uħud mill-mudelli:

(a) dan l-aħħar, l-ebda ttestjar retrospettiv tal-mudell ma sar u ma ġie ddokumentat;

(b) l-ebda validazzjoni indipendenti jew aġġornament reċenti ma kien sar għall-mudelli applikati;

(c) is-suppożizzjonijiet tal-mudelli mhux dejjem kienu ddokumentati biżżejjed.

88. Reviżjoni tal-aqwa prattiki f'organizzazzjonijiet internazzjonali simili oħra wriet li wara l-kriżi finanzjarja fl-Istati Uniti u bħala parti mit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju tiegħu, il-Federal Reserve Bank of New York stabbilixxa tim tal-validazzjoni tal-mudell. Il-kompiti ewlenin ta' dan it-tim huma deskritti fil-***Kaxxa 4***.

| **Il-Kaxxa 4 – It-tim tal-validazzjoni tal-mudell fil-Federal Reserve Bank of New York** |
|---|
| Il-kompiti ewlenin tat-tim huma deskritti hawn taħt:<br>- l-inventarju tal-mudelli kollha użati fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju;<br>- ir-reviżjoni u l-validazzjoni tad-dokumentazzjoni tal-mudell;<br>- l-istabbiliment ta' dokumentazzjoni dettaljata f'każijiet fejn id-dokumentazzjoni hi vvalutata bħala mhux biżżejjed;<br>- l-ittestjar tal-mudelli. |

**L-adegwatezza tar-rapportar ta' riskji finanzjarji**

89. *Għandu jkun hemm proċess li jissorvelja b'mod regolari l-profili tar-riskju u l-iskoperturi materjali għat-telf. Għandha tiġi stabbilita sistema affidabbli ta' monitoraġġ u rapportar.*

90. Il-konformità mal-politiki u l-proċessi mifthiema tas-suq u tal-ġestjoni tar-riskju tal-kreditu qed tiġi ssorveljata mill-RMA, li hija responsabbli wkoll mir-rapportar ta' nuqqas ta' konformità skont proċeduri ta' eskalazzjoni mifthiema. L-RMA tal-BĊE tirrapporta regolarment dwar ir-riskju-redditu u l-prestazzjoni

kemm tar-riżervi barranin tal-BĊE u l-portafolli tal-fondi proprji kif ukoll dwar il-valuri referenzjarji strateġiċi u tattiċi assoċjati. Ir-rapportar isir bi frekwenza ta' kuljum, kull ġimgħa, kull xahar, kull tliet xhur u kull sena.

91. It-testijiet u l-intervisti li saru mill-awdituri kkonfermaw li r-rapportar tal-prestazzjoni qed isir regolarment u qed jitqassam lill-maniġment eżekuttiv fil-ħin. Madankollu, ġie nnotat li l-istandards GIPS[59], meqjusa bħala l-aqwa prattiki, ma jissegwewx għall-iskop tar-rapportar intern tal-BĊE dwar il-prestazzjoni.

## KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

***Il-BĊE stabbilixxa qafas ta' governanza xieraq u komprensiv għall-ġestjoni tar-riskju?***

92. Il-BĊE stabbilixxa struttura organizzattiva komprensiva, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet huma assenjati b'mod ċar. Madankollu, hemm demarkazzjoni b'saħħitha bejn il-ġestjoni tar-riskji finanzjarji u operazzjonali fil-Bank, din iżżid ir-riskju li l-istampa ġenerali tal-iskoperturi tal-Bank tista' ma tkunx komprensiva. Ma twaqqaf l-ebda korp indipendenti u uniku, bħal direttur tar-riskju jew kumitat bejn il-Bord Eżekuttiv u ż-żewġ funzjonijiet/unitajiet tar-riskju, ORM/BCM u RMA.

93. Il-kontijiet annwali tal-BĊE jinkludu biss informazzjoni fil-qosor dwar ċerti kwistjonijiet tal-ġestjoni tar-riskju għajr milli jiżvelaw ħarsa ġenerali dwar il-proċess tal-ġestjoni tar-riskju fl-organizzazzjoni, ir-riskji ffaċċjati u kif ukoll l-approċċ tal-maniġment għal dawn ir-riskji.

---

[59] Il-GIPS (Standards dwar il-Prestazzjoni ta' Investiment Globali) huma sett ta' prinċipji standardizzati tal-etika mifruxa mal-industrija, maħluqa u mmexxija mill-Istitut CFA (Chartered Financial Analyst), li jipprovdu gwida dwar kif jiġu kkalkolati u rrapportati r-riżultati tal-investiment. Dawn huma volontarji u huma bbażati fuq il-prinċipji fundamentali ta' żvelar sħiħ u rappreżentazzjoni ġusta ta' riżultati tal-prestazzjoni tal-investiment.

| **Rakkomandazzjonijiet** |
| --- |
| 1. IL-BĊE għandu jqis it-twaqqif ta' funzjoni ta' ġestjoni tar-riskju ġerarkikament indipendenti u unika, bħal direttur tar-riskju jew kumitat li, kieku, jikkonċentra biss fuq il-ġestjoni tar-riskju u jiżgura stampa ġenerali komprensiva tal-iskoperturi tal-Bank.<br><br>2. Il-BĊE għandu jkompli jtejjeb l-iżvelar pubbliku tiegħu tal-prattiki tal-ġestjoni tar-riskju għal partijiet esterni fil-kontijiet annwali billi japplika l-aqwa prattiki bħall-IFRS 7. |

***Il-BĊE ġesta r-riskji operazzjonali tiegħu b'mod effettiv?***

94. Il-BĊE għandu struttura organizzattiva ċara u stabbilixxa politiki adegwati dwar il-ġestjoni tar-riskju operazzjonali li jiddeskrivu fil-qosor l-approċċ tal-Bank għall-valutazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll/il-mitigazzjoni tar-riskji.

95. Għalkemm il-valutazzjonijiet minn fuq għal isfel saru fl-2008 u fl-2009 u l-pjanijiet ta' azzjoni għal kull qasam tan-negozju ġew identifikati, ma ġiet iddokumentata l-ebda analiżi bejn l-ispiża u l-benefiċċju.

96. Ġiet stabbilita sistema ta' rapportar, monitoraġġ u segwitu u sar qbil dwar skeda tal-żmien għas-segwitu tal-miżuri tal-mitigazzjoni tar-riskju għal riskji medji u għoljin. Madankollu, għal xi riskji, il-proċedura tal-aċċettazzjoni mill-ORC/EB ħadet ħafna ħin. M'hemmx integrazzjoni ta' ppjanar u ta' ċikli tal-ORM. Barra minn dan, l-attivitajiet tal-ORM ma ntwerewx b'mod ċar fil-programmi ta' ħidma ta' wħud mill-oqsma tax-xogħol ttestjati.

97. Il-BĊE żviluppa manwal komprensiv dwar il-kriżi li jiddefinixxi r-rwoli, ir-responsabbiltajiet u l-proċessi f'każ ta' kriżi kif ukoll id-dettalji ta' kuntatt tat-tim tal-ġestjoni ta' kriżi. Kull qasam tan-negozju għandu responsabbiltà sħiħa għall-iżvilupp tal-BCP tiegħu.

98. Il-BĊE waqqaf qafas sod li jipprovdi gwida dwar il-politiki, il-proċessi u r-responsabbiltajiet tal-BCM fl-organizzazzjoni. Madanakollu:

(a) għalkemm sar aġġornament komprensiv tal-Analiżi tal-Impatt tan-Negozju fl-2007 u ntemm fl-2010, ma saret l-ebda Analiżi sħiħa tal-Impatt tan-Negozju mill-bidu tal-kriżi finanzjarja;

(b) ġie identifikat nuqqas ta' pjanijiet li jindirizzaw telf serju ta' riżorsi umani;

(c) it-testijiet ippjanati ma koprewx għal kollox ix-xenarji kollha ta' diżastru ppjanati mill-BĊE; u

(d) uħud mit-testijiet ippjanati għall-2009 u l-2010 ma sarux.

| **Rakkomandazzjonijiet** |
|---|
| 3. Il-valutazzjoni annwali tar-riskji operazzjonali għandha tkun inkluża fiċ-ċiklu tal-ippjanar strateġiku u finanzjarju tal-BĊE u fil-programmi ta' ħidma annwali tal-oqsma tax-xogħol individwali. |
| 4. Il-miżuri li jindirizzaw riskji operazzjonali medji għal dawk għoljin għandhom ikunu solvuti malajr. |
| 5. Il-BĊE għandu jkompli jtejjeb il-pjanijiet tal-kontinwità tan-negozju tiegħu u l-programm tagħhom ta' ttestjar u jistinka biex jiżgura li t-testijiet kollha ppjanati jitwettqu. |

***Il-BĊE ġesta r-riskji finanzjarji tiegħu b'mod effettiv?***

99. Il-qafas globali u l-ġestjoni tar-riskju finanzjarju stabbiliti mill-BĊE għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet tal-investiment u tal-politika hu adegwat. Ir-reviżjoni tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju indikat li l-metodoloġija mfassla għall-ġestjoni tar-riskju finanzjarju hi soda u adegwata għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet tal-investiment u tal-politika fil-BĊE. Madankollu, jeħtieġ titjib fl-

applikazzjoni prattika tal-metodoloġija, eż. fil-qasam tal-mudelli użati għall-kalkoli ta' valuri referenzjarji strateġiċi u tattiċi kif ukoll għall-kalkoli VaR.

100. Ir-rapporti tal-ġestjoni tar-riskju intern jipprovdu informazzjoni adegwata u komprensiva dwar il-ġestjoni tar-riskju finanzjarju għall-maniġment superjuri u għall-Bord tal-BĊE. Ir-rapportar dwar il-prestazzjoni huwa regolari u f'waqtu iżda mhuwiex aġġornat regolarment biex jirrifletti t-tibdil fl-istandards GIPS.

**Rakkomandazzjonijiet**

6. Il-BĊE għandu jkompli jtejjeb ir-reviżjoni u l-validazzjoni tal-mudelli użati għall-kalkoli tal-valuri referenzjarji strateġiċi u tattiċi kuf ukoll għall-kalkoli VaR, inkluż l-istabbiliment ta' dokumentazzjoni dettaljata f'każijiet fejn id-dokumentazzjoni hija vvalutata bħala insuffiċjenti, l-ittestjar tal-mudelli u r-reviżjoni regolari tas-suppożizzjonijiet tal-mudell.

7. It-tibdil fl-istandards GIPS għandu jiġi rivedut fuq bażi annwali u għandha tiġi meqjusa applikazzjoni sħiħa għar-rapportar intern tal-BĊE dwar il-prestazzjoni.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Marzu 2012.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*Il-President*

**TWEĠIBA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**għar-Rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-verifika tal-effiċjenza operattiva tal-amministrazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew għas-sena finanzjarja 2010**

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 u jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet għal titjib magħmula mill-Qorti. Il-BĊE jinnota wkoll li l-Qorti tagħraf li: (i) il-BĊE għandu struttura organizzattiva ċara u stabbilixxa politika adegwata dwar il-ġestjoni tar-riskji operattivi; u li (ii) il-qafas ġenerali tal-ġestjoni tar-riskji finanzjarji kif imwaqqaf mill-BĊE għall-operazzjonijiet tal-investiment u l-politika monetarja huwa adegwat.

Il-BĊE jieħu nota tal-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet għal titjib li għamlet il-Qorti. Il-kummenti tal-BĊE dwar paragrafi speċifiċi u dwar is-seba' rakkomandazzjonijiet jinsabu hawn taħt.

**Paragrafi 9 sa 13 u 92**

B'referenza għad-deskrizzjoni tal-Qorti tal-qafas ġenerali tal-BĊE għall-ġestjoni tar-riskji, nixtiequ niċċaraw li:

Il-qafas għall-ġestjoni tar-riskji operattivi, li jkopri l-kejl u l-monitoraġġ tar-riskji operattivi tal-BĊE, jidħol fil-kompetenza tal-funzjoni responsabbli għal l-Ġestjoni tar-Riskji Operattivi u l-Ġestjoni tal-Kontinwità Operattiva (*Operational Risk Management & Business Continuity Management*, ORM/BCM) fiħdan id-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani, il-Baġit u l-Organizzazzjoni. Il-qafas għall-ġestjoni tar-riskji finanzjarji għall-operazzjonijiet tas-suq kif ukoll il-kejl u l-monitoraġġ tal-iskoperturi għar-riskju minn dawn l-operazzjonijiet huma parti mir-responsabbiltà tal-Uffiċċju għall-Ġestjoni tar-Riskji (*Risk Management Office*, RMO). Dan it-tip ta' struttura organizzattiva hu komuni fil-banek ċentrali u f'organizzazzjonijiet tax-xorta tagħhom. Għalhekk, l-eżistenza ta' funzjoni u ta' uffiċċju distinti m'għandhiex tittieħed bħala li teżisti qasma bejn il-ġestjoni tar-riskji finanzjarji u l-ġestjoni tar-riskji operattivi, iżda bħala għażla organizzattiva li għandha l-għan li tiżgura l-allokazzjoni effiċjenti tad-dmirijiet bħala parti mir-responsabbiltà kolleġġjali tal-Bord Eżekuttiv għall-ġestjoni ġenerali tar-riskji fil-BĊE.

Għal dawk li huma l-aħħar żviluppi minn meta saret il-verifika tal-Qorti, il-BĊE jixtieq jgħarraf li:

- fil-qasam tar-riskji operattivi, il-Kumitat għar-Riskji Operattivi (*Operational Risk Committee*, ORC), li hu responsabbli għas-sostenn u s-sorveljanza tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u ż-żamma tal-Ġestjoni tar-Riskji Operattivi (ORM), issa huwa presedut mill-Viċi President tal-BĊE;
- fil-qasam tar-riskji finanzjarji, f'Lulju 2011 il-BĊE rriorganizza dik li qabel kienet id-Diviżjoni tal-Ġestjoni tar-Riskji (*Risk Management Division*, RMA) f'Uffiċċju għall-Ġestjoni tar-Riskji (RMO) li huwa

awtonomu u jwieġeb għall-Bord Eżekuttiv permezz ta' membru tal-bord differenti minn dak responsabbli għad-Direttorat Ġenerali tal -Operazzjonijiet tas-Suq. Din il-bidla saret minħabba: (i) is-sehem aktar sinifikanti tal-ġestjoni tar-riskji finanzjarji fil-banek ċentrali b'mod ġenerali u fil-BĊE b'mod partikolari; u (ii) ir-rakkomandazzjoni mogħtija mill-Kunsill Governattiv lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema li l-linji ta' rappurtaġġ bejn il-membri tal-bord responsabbli għal l-funzjoni tal-operazzjonijiet tas-suq u dawk responsabbli għall-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji finanzjarji għandhom ikunu separati.

Ara wkoll it-tweġiba għal Rakkomandazzjoni 1.

**Paragrafi 16, 17 u 93**

Tagħrif dwar il-ġestjoni tar-riskji jidher f'bosta kapitoli tar-Rapport Annwali tal-BĊE, fosthom il-Kontijiet Annwali tal-BĊE, li jitħejjew skont ir-regoli u l-kriterji tal-kontabilità li l-Kunsill Governattiv tal-BĊE jqis li jixirqu lill-attivitajiet ta' bank ċentrali. Dawn il-prinċipji jitħaddmu sistematikament mill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema fl-operazzjonijiet li jmexxu u jitqiesu fil-livell internazzjonali bħala l-istandard ta' rappurtar finanzjarju adattat għall-banek ċentrali.

Ir-rekwiżiti legali tal-BĊE vis-à-vis ir-rappurtar finanzjarju huma stipulati fid-Deċiżjoni tal-BĊE dwar il-Kontijiet Annwali (id-Deċiżjoni BĊE/2010/21). Il-BĊE jimxi mal-prinċipji ta' valutazzjoni konformi mal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (*International Financial Reporting Standards*, IFRS) kif adottati mill-Unjoni Ewropea sakemm xi trattament speċifiku tal-kontabilità ma jkunx stipulat fid-Deċiżjoni BĊE/2010/21 u fin-nuqqas ta' deċiżjoni kuntrarja min -naħa tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE. Barra dan, f'konformità mad-Deċiżjoni msemmija aktar 'il fuq, il-BĊE jħejji l-Kontijiet Annwali tiegħu fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-Kunsill Governattiv dwar il-livell xieraq ta' xandir tat-tagħrif u mhuwiex marbut li jikkonforma mar-rekwiżiti dwar l-għoti tat-tagħrif stipulati fl-IFRS 7.

Ara wkoll it-tweġiba għal Rakkomandazzjoni 2.

**Paragrafu 24**

Il-BĊE jixtieq jagħmilha ċara li l-informazzjoni dwar il-Ġestjoni tar-Riskji Operattivi (ORM) li tinsab fil-paġni tal-Intranet tiegħu tipprovdi lill-koordinaturi tal-ġestjoni tar-riskji u lill-maniġers bit-tagħrif meħtieġ, fosthom dwar il-kategoriji tar-riskji u l-kawżi ewlenin. Aktar tagħrif dwar kif għandhom jiġu identifikati r-riskji jingħata lill-oqsma tax-xogħol fil-bidu tal-aġġornament annwali tal-valutazzjoni ġenerali tal-bank dwar ir-riskji operattivi.

**Paragrafu 28**

L-għadd ta' membri permanenti tal-istaff fil-funzjoni tal-Ġestjoni tar-Riskji Operattivi u l-Ġestjoni tal-Kontinwità Operattiva (ORM/BCM) dan l-aħħar ittella' għal ħamsa. Fl-opinjoni tal-BĊE, il-kompożizzjoni attwali tal-istaff f'dan il-qasam tibbenefika mill-membri tal-istaff issekondati mill-banek ċentrali nazzjonali u ma żżidx ir-riskju li l-implimentazzjoni tal-qafas tal-Ġestjoni tar-Riskji Operattivi ma tkunx adegwata.

**Paragrafi 29 u 66**

Biex ikompli jtejjeb l-għarfien dwar il-qafas tal-Ġestjoni tar-Riskji Operattivi (ORM) u d-dispożizzjonijiet dwar il-kontinwità operattiva, il-BĊE se jtejjeb il-preżentazzjoni tat-tagħrif rilevanti dwar l-ORM u l-BCM fil-paġni tal-Intranet tiegħu u jistieden lill-mexxejja tal-unitajiet tar-riskju jagħtu preżentazzjonijiet minn żmien għall-ieħor lill-membri tal-istaff fl-oqsma tax-xogħol tagħhom.

**Paragrafi 37, 58 u 95**

Waqt li l-politika tal-Ġestjoni tar-Riskji Operattivi (ORM) tħeġġeġ biex issir analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji kull meta jiġu definiti inizjalment l-istrateġiji ta' reazzjoni għar-riskji biex jiġi żgurat li dawn l-istrateġiji jiġġustifikaw l-ispiża, analiżi ta' din ix-xorta ssir essenzjali meta jiġi biex tittieħed deċiżjoni dwar miżuri konkreti ta' reazzjoni għar-riskji. Hekk, fil-BĊE dejjem issir analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji meta jingħata bidu għal xi proġett partikolari.

**Paragrafi 50 u 98(a)**

Il-prattika tal-BĊE hi li jaġġorna l-analiżi dwar l-impatt operattiv meta jkun meħtieġ iktar milli f'intervalli regolari, biex jiżgura li r-rekwiżiti supplimentari tal-kontinwità operattiva, bħal tibdil organizzattiv jew sistemiku kif ukoll il-proċessi jew l-applikazzjonijiet ġodda, jiġu trattati f'waqthom. Fir-realtà, minn meta r-riżultati ta' analiżi tagħha dwar l-impatt operattiv ingħataw lill-Bord Eżekuttiv fl-2007, ir-rekwiżiti supplimentari tal-kontinwità operattiva ġew integrati bosta drabi fil-qafas tal-Ġestjoni tal-Kontinwità Operattiva (BCM).

**Paragrafi 53 u 98(b)**

Il-BĊE jqis li l-pjanijiet komprensivi tiegħu għal meta tfaqqa' pandemija huma biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għal kull nuqqas serju ta' riżorsi umani. Barra dan, fil-każ li rarament jista' jseħħ meta l-membri kollha tal-istaff ikunu indisposti, il-BĊE għandu pjanijiet alternattivi biex jiżgura li l-proċessi l-aktar importanti tiegħu jkomplu jitwettqu.

**Paragrafi 62 u 98(c) u (d)**

Minħabba l-kriżi finanzjarja attwali, il-funzjonijiet ewlenin tal-BĊE qegħdin ikunu disponibbli kważi kull tmiem il-ġimgħa u dan wassal għal-limitazzjoni tal-applikazzjoni u l-frekwenza tat-testijiet għall-kontinwità operattiva ġenerali. Waqt li l-unità tal-ġestjoni tal-kriżijiet sikwit tagħmel testijiet ibbażati fuq sitwazzjonijiet tassew konkreti, ġiet adottata strateġija aktar prudenti fejn jidħlu t-testijiet tal-pjanijiet ġenerali tal-BĊE dwar il-kontinwità operattiva u l-faċilitajiet ta' rkupru tat-teknoloġija tal-informatika, biex jonqos ir-riskju ta' tfixkil għad-dmirijiet rikorrenti.

Ara wkoll it-tweġiba għal Rakkomandazzjoni 5.

**Paragrafi 91 u 100**

Il-BĊE ma adottax il-qafas sħiħ tal-Istandards ta' Prestazzjoni ta' Investiment Globali (*Global Investment Performance Standards*, GIPS) minħabba li dan ma japplikax kollu kemm hu għall-attivitajiet tiegħu ta' bank ċentrali.

Ara wkoll it-tweġiba għal Rakkomandazzjoni 7.

**Rakkomandazzjoni 1**

Il-BĊE dejjem iqis u japprezza rakkomandazzjonijiet biex ikompli jtejjeb il-ġestjoni tiegħu tar-riskji u biex japplika l-aktar prattiki aġġornati għall-banek ċentrali. L-istruttura organizzattiva attwali tal-BĊE għall-ġestjoni tar-riskji titqies bħala qafas effiċjenti biex jiġu allokati d-dmirijiet li għalihom il-Bord Eżekuttiv għandu responsabbiltà kolleġġjali għall-ġestjoni ġenerali tar-riskji tal-BĊE.

**Rakkomandazzjoni 2**

Il-BĊE diġà jikkonforma mar-rekwiżiti legali rilevanti għar-rappurtar finanzjarju tiegħu, kif stipulati fid-Deċiżjoni BĊE/2010/21. Il-BĊE dejjem żamm, u se jibqa' jżomm, taħt għajnejh l-iżviluppi fl-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS), b'mod partikolari biex jara kemm dawn ikunu adattati għar-rappurtar finanzjarju tal-BĊE.

**Rakkomandazzjoni 3**

Il-BĊE jaċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Waqt li l-oqsma individwali tax-xogħol tal-BĊE dejjem integraw l-azzjonijiet u l-ispejjeż marbuta mal-implimentazzjoni tal-miżuri li jtaffu r-riskji fil-programmi annwali ta' ħidma u t-talbiet baġitarji tagħhom, il-BĊE dan l-aħħar bidel it-tqassim taż-żmien tal-proċessi rilevanti li jolqtu l-bank kollu, biex l-aġġornament annwali tal-valutazzjoni tar-riskji operattivi jiġi jaqbel maċ-ċikli tal-ippjanar strateġiku u finanzjarju.

**Rakkomandazzjoni 4**

Il-BĊE jaċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

**Rakkomandazzjoni 5**

Il-BĊE jaċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Il-BĊE jimpenja ruħu bis-sħiħ biex ikompli jtejjeb il-pjanijiet tiegħu dwar il-kontinwità operattiva, u jagħmel li jista' biex jiżgura li l-programmi ta' testijiet tal-proċessi u d-dmirijiet rilevanti kollha tiegħu jsiru f'waqthom. Fl-istess ħin, madankollu, il-BĊE jiżen l-urġenza biex isiru t-testijiet pjanati mal-ħtieġa li jitnaqqsu r-riskji fit-twettiq ta' dmirijietu, b'mod partikolari f'dan il-mument partikolari meta trid tingħeleb il-kriżi finanzjarja attwali.

**Rakkomandazzjoni 6**

Il-BĊE jaċċetta din ir-rakkomandazzjoni u jitħaq fuq l-impenn tiegħu li jkompli jeżamina, jittestja u jiddokumenta tajjeb il-mudelli tal-allokazzjoni tal-assi u l-mudelli tar-riskji bil-ħsieb li jintlaħqu l-ogħla standards possibbli.

**Rakkomandazzjoni 7**

Il-BĊE dejjem żamm, u se jibqa' jżomm, taħt għajnejh l-iżviluppi fl-Istandards ta' Prestazzjoni ta' Investiment Globali (GIPS), b'mod partikolari biex jara kemm dawn ikunu adattati għar-rappurtar intern tal-BĊE dwar il-prestazzjoni tal-investimenti.